MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 143/2011

Rikors Nru: 143/11FS

Carmel Spiteri
vs
Jonathan Vella

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih eccepixxa:

1. Illi fis-sittax (16) ta’ Ottubru, 2009 ghall-habta ta’ 12.10 p.m. fi Triq Nazzjonali, Hamrun, sehh incident stradali bejn vettura Vauxhall Nova numru ta’ registrazzjoni CAB 457 misjuqa mir-rikorrent u *van* Ford Transit numru ta’ registrazzjoni AAM 912 misjuq mill-intimat, meta l-intimat baqa’ hiereg minn fuq id-dawl l-ahmar tat-*traffic lights* u baqa’ diehel fil-vettura misjuqa mir-rikorrent, kif ammess minnu stess, u dan skont ma

jirrizulta mid-Dok CS 1 konsistenti fl-okkorrenza tal-Pulizija u skizz li gew annessi mar-rikors.

2. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrent safa korrut serjament u baqa' dizabilitat b'mod permanenti, u dan skont ma jirrizulta minn certifikat mediku rilaxxjat minn Mr. Ray Gatt MD FRCP li gie anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok CS 2.

3. Illi dan l-incident stradali sehh ghal tortijiet unikament imputabbli lill-intimat minhabba li dan, fil-hin ta' l-incident, saq il-*van* in kwistjoni b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u ma zammx *a proper lookout*, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fis-sittax (16) ta' Ottubru, 2009 ghall-habta ta' 12.10 p.m. fi Triq Nazzjonali, Hamrun, bejn vettura Vauxhall Nova numru ta' registrazzjoni CAB 457 u *van* Ford Transit numru ta' registrazzjoni AAM 912 u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-incident stradali u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi ta' l-ittra ufficcjali li giet prezentata kontestwalment, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha espona:

1. Illi, fir-rigward ta' l-ewwel talba tar-rikorrent, l-intimat jirrileva li huwa diga' accetta responsabilita` ghall-incident mertu ta' din il-kawza. L-istess intimat irregistra *claim* mal-assikurazzjoni tieghu Elmo Insurance Limited u ddelega lill-istess assikurazzjoni sabiex titratta hi mat-terz dwar l-incident. Fil-fatt, l-assikurazzjoni ta' l-intimat diga accettat li thallas id-danni materjali subiti fil-vettura tar-rikorrent, kif jirrizulta minn *email* datat 30 ta' Dicembru, 2009 mibghut mis-socjeta` assikuratrici Elmo Insurance Limited lill-konsulent legali tar-rikorrent [Dok. JV1].

2. Illi dwar l-entita` tad-danni pretizi mir-rikorrent, **<u>dawn huma kontestati</u>**. In partikolari huwa kontestat fejn ir-rikorrent qed jallega li, konsegwenza ta' l-incident *de quo*, huwa garrab debilita` permanenti, u dan fid-dawl tar-rapport mediku redatt minn Mr. Massimo Abela MD FRCS fis-26 ta' Novembru 2010 [Dok. JV2]. Ghaldaqstant, jispetta lir-rikorrent il-prova skond il-ligi li qed isofri minn debilita` permanenti u li tali debilita` kienet konsegwenza <u>diretta</u> ta' l-istess incident.

3. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-intimat m'ghandux ibati spejjes gudizzjarji.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-intimat.

**C. PROVI:**

Rat ir-rapport ta' Mr. Ray Gatt, konsulent ortopediku u espert *ex-parte* li qies id-dizabilita` bhala 8%.

Rat ir-rapport ta' Mr. Massimo Abela, Consultant Orthopaedic u espert *ex-parte* li kklassifika l-*injuries* bhala *of a slight nature* u *no permanent disability*.

Rat li fit-18 ta' April, 2011 Mr. Charles Grixti gie nominat bhala espert mediku.

Gie prezentat affidavit tar-rikorrent Carmel Spiteri fejn semma li fis-16 ta' Ottubru, 2009 kien qed isuq il-vettura tieghu Vauxhall Nova numru ta' registrazzjoni CAB 457 u dan fi Triq Nazzjonali, Hamrun, u jersaq fuq it-*traffic lights* li ssib meta taqbez il-Kappella tal-Muzew u tigi fejn hemm Michael Attard Limited (tal-Peugeot), imbaghad jekk taqsam ghal faccata tmur lejn il-*Park and Ride*, jew inkella tista' tikser fuq il-lemin tieghek u tigbed jew mill-gdid lejn il-Hamrun jew lejn il-Marsa (jigifieri lejn Triq Dicembru 13). Kien bi hsiebu jmur jipparkja l-*Park and Ride*, u waqaf kompletament fuq il-linja tat-*traffic lights*. Meta t-*traffic lights* tieghu wrew il-kulur ahdar u ghalhekk seta' jaqsam, kif hareg gie *van* Ford Transit numru ta' registrazzjoni AAM 912 misjuq mill-intimat li bilfors baqa' hiereg minn fuq id-dawl l-ahmar tat-*traffic lights* minn fejn kien gej hu, ghax tar-rikorrent kienu hodor, u baqa' diehel b'qawwa fil-vettura misjuqa mir-rikorrent.

Semma li l-impatt kien wiehed qawwi peress li l-intimat beda jsuq b'velocita` eccessiva u fil-fatt il-*van* tieghu spinnja, jigifieri dar ta' wara quddiem. Id-daqqa tant kienet kbira li r-rikorrent hass ugiegh enormi f'sidru, f'qalbu u f'ghonqu u spicca l-sptar Mater Dei. L-intimat mill-ewwel qallu li kollox jirrangaw u sa offrielu l-flus tal-karozza dak il-hin stess. Semma li ma jahdimx. Semma li l-hsarat fil-vettura tieghu kienu kbar u l-vettura giet reza *beyond economical repair*. L-assikurazzjoni ta' l-intimat offrewlu biss €200.

Konsegwenza diretta ta' l-incident kien inkorra spejjez skond ma jirrizulta mir-ricevuti Dokumenti CS 1, CS 2, CS 3, CS 4, CS 5, CS 6 u CS 7, u *cioe`* €10.99c ghal *cushion*, €19 apparat biex jghin lilu nnifsu jqum, €103, €73 u €50 bhala dritt ta' Mr. Ray Gatt, €6 biex ikkancella l-licenzja tal-vettura, €6.99c rapport tal-Pulizija, €20 spejjez tat-tabib, €75 tat-*towing* tal-vettura wara l-incident, u €100 *cushion* appozita minhabba dahru.

Rat ir-rapport ta' Mr. Charles Grixti, fejn ikkonkluda illi:
"Carmel Spiteri sofra sforz f'ghonqu meta kien involut f'*head-on collision* ma' *van* fis-16 ta' Ottubru 2009. Dan l-accident ma kagunax l-*artrite* li wera l-*ray* izda aggravalu

s-sitwazzjoni, fis-sens, illi rritalu n-nerv minn ghonqu u kagun ta' dan Spiteri jhoss l-ugiegh f'ghonqu.

Min-naha tas-sinsla *lumbo-sakrali* ma sibt l-ebda evidenza li ghad hemm konsegwenzi ta' l-*injuries*.

Min-naha ta' ghonqu Spiteri jrid joqghod attent biex jevita li ma joqghodx b'rasu baxxuta ghal hin twil u lanqas ma jixxabbat ghall-affarijiet. Jekk irid jerfa' xi haga jrid jerfahha vicin tieghu u mhux izommha 'l boghod minnu.

Minhabba dan jiena nistma d-dizabilita` li qed isofri Spiteri kagun ta' l-accident li kellu fis-16 ta' Ottubru, 2009 ta' 4% (erbgha mil-mija)."
Rat li fil-15 ta' Dicembru, 2011 il-partijiet qablu li r-rikorrent kien dizokkupat fid-data ta' l-incident u ghadu hekk sal-lum.

Rat li fit-3 ta' Jannar, 2012 gie nominat Mr. Joseph Zammit bhala espert tekniku.

Rat ir-rapport ta' Mr. Joseph Zammit li fih ikkonkluda illi:
"Fil-kundizzjoni li kellha qabel ma garrbet il-hsara li tinsab fuqha fl-incident li sehh fis-16 t'Ottubru, 2009, fis-suq lokali kienet ghadha ggib il-valur ta' elf u hames mitt euro (€1,500), l-aktar peress li din il-marka u mudell ta' din il-vettura fid-data msemmija 2009 kienet ghadha mfittxija fis-suq lokali minhabba d-daqs taghha u ta' l-ekonomija.

Fis-sura li din il-karozza issa tinsab ma kienx jaqbel li tigi msewwija l-hsara li garrbet fl-incident imsemmi u ghalhekk qieghed jinghata *wreck value* ghal dak li minnha baqa' salv, ghal valur ta' mija u ghoxrin euro (€120)."

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***<u>D1. Responsabbilta`:</u>***

Dwar ir-responsabilita` ghall-incident ma hemmx kontestazzjoni ghax ammessa mill-intimat. L-incident gie deskritt fid-deposizzjoni tar-rikorrent. Jirrizulta li fid-data li sehh l-incident *de quo,* ir-rikorrent kellu età ta' 56 sena.

Ir-rikorrent kien dizokkupat kemm fid-data ta' l-incident in kwistjoni u sahansitra sal-gurnata tal-lum, u dan irrispettivament mill-griehi minnu sofferti.

***D2. Lucrum cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

F'dan il-kaz hemm l-aspett li ma kienx hemm telf ta' paga billi r-rikorrent ma kienx jahdem meta sehh l-incident, u anqas illum ma jahdem. Fis-sentenza tat-8 ta' Mejju, 1990 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Mario Camilleri vs Mario Borg *et noe*** nghad:

"Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija li fil-limiti tar-realtà u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi lill-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali u ingust ta' haddiehor mhumiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' kompensazzjoni adegwata."

Ukoll, fis-sentenza deciza minn din il-Qorti (Imhallef David Scicluna) fl-14 ta' Jannar, 2004 fl-ismijiet **Amabile Azzopardi vs Anthony Xuereb** [Citaz. Nru. 1123/91] inghad hekk:

"Dwar il-*lucrum cessans*, jirrizulta li l-attur kellu 62 sena meta gara l-incident. Bniedem li hu pensjonant xorta

ghandu s-setgha li jahdem, u din is-setgha ghandha wkoll valur ekonomiku. Wara li l-Qorti ezaminat il-provi relattivi u l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, hija tal-fehma li ghall-ghanijiet ta' din il-kawza ghandha tiehu tali valur daqs li kieku kien bhall-paga minima nazzjonali...."

Fis-sentenza deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2003 [Citazzjoni Numru. 1017/1995 fl-ismijiet **Manuel u Shirley Caruana *et* vs Dottor Tonio Mallia *noe***], il-Qorti wkoll adottat introjtu ekwivalenti ghall-*minimum weekly wage*, u meta dan il-kaz kien dwar mara li:
"fil-fatt anki qabel l-incident hija ma kienitx tahdem, u tant kienet fi stat hazin ta' sahha, kagun tal-marda li kellha, li l-posizzjoni taghha qabel l-incident giet deskritta mit-tobba bhala li kienet mara *bedridden*."

Hu xieraq ghalhekk li l-introjtu tar-rikorrent ghandu jkun ekwivalenti ghall-*minimum weekly wage*, li skond l-Avviz Legali 338/2008 li jidhol fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2009 hi ta' €146.47 fil-gimgha ossija €7,616.44 fis-sena.

***D3. Multiplier:***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:
"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-

istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘*multiplier*’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘*multiplier*’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Buttler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma

maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

Gie sottomess li fil-kawza fl-ismijiet **John Soler *et* vs Claire Gove *et***, inghad li fil-kalkolu tal-*multiplier* wiehed irid jikkonsidera, mhux il-*life expectancy* tad-*decujus*, izda l-hajja lavorattiva tieghu, u kif ukoll *the chances and changes of life*. B'dana illi lanqas m'ghandha tittiehed il-*maximum work life expectancy*[1]. Gie sottomess ukoll li fil-kawzi fl-ismijiet **Middlesea Insurance Ltd vs Stuart Psaila**[2] u **Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo**[3] l-Qorti kienet ippronuncjat ruha kif gej dwar il-principju tac-*chances and changes of life*:

"Fil-kalkolu tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tad-*decujus*, izda l-hajja lavorattiva tieghu, in-natura u s-sahha tieghu, li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem minhabba dawk ic-cirkostanzi li jissejjhu *the chances and changes of life*. Wiehed irid jezamina l-*earning capacity* ta' l-individwu, rigward tal-mard kif kontro-bilancjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazzjat. Illi ghalhekk il-*multiplier* m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjat, izda fuq l-aspettativa lavorattiva tieghu u

---

[1] Yvonne Cassone pro et noe et vs. Alfred Calamatta et noe, Prim'Awla Qorti Civili, per l-Imhallef Tonio Mallia, seduta tas-7 ta' Lulju 2004.

[2] Middle Sea Insurance Company Limited vs. Stuart Psaila, Prim'Awla tal-Qorti Civili, per l-Imhallef Noel Cuschieri, 8 ta' Ottubru 2004.

[3] Emanuel Zahra vs. Patrick Vassallo, Prim'Awla tal-Qorti Civili, per l-Imhallef Noel Cuschieri, 15 ta' Ottubru 2003.

ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-*chances and changes of life*;"

Giet kwotata wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell [Sede Superjuri] fil-kawza fl-ismijiet **Francis Meilaq *et* vs Brian Bonnici**, fejn ikkunsidrat fit-tul il-kuncett ta' *the changes and chances of life* u kkonkludiet illi l-kuncett ta' the *changes and chances of life* gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa età avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Ghalhekk fl-eventwalità li d-danneggat, ghal xi raguni kompletament indipendenti mid-dizabilità subita fl-incident, kellu jmut qabel ma jilhaq il-massimu tal-hajja lavorattiva tieghu, tkun saret ingustizzja mal-parti li kkawzat d-danni billi din tkun hallset ghall-perjodu meta effettivament id-disabilità tad-danneggat tkun ghal kollox irrilevanti billi dan ikun miet. Isegwi li d-danni li ghandhom jigu akkordati jridu jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad-danneggat u l-obbligu tad-danneggant. Tenut kont ta' dan isegwi li l-*working life expectancy* ma ghandux jigi, kif qatt ma gie, konsidrat kollu ghall-fini tal-fissazzjoni tal-*multiplier*.
Il-Qorti irriflettiet fit-tul fuq dan l-aspett li wara kollox dejjem gie applikat fis-sentenzi ta' dawn il-qrati. Dawn kollha jaghmlu sens kbir, specjalment meta l-vittma tkun ghadha ta' eta` zghira jew ghall-inqas il-boghod mill-eta` pensjonabbli. Izda wiehed irid jirrifletti fuq meta, bhal fil-kaz in ezami l-vittma jkun ferm vicin ta' l-eta` pensjonabbli u allura c-*chances of changes in life* huma anqas rejalistici. L-artikolu 1045 tal-Kap 16 isemmi li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghat-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gab direttament lill-parti li tbati l-hsara. Dan mhux necessarjament jirreferi ghall-hajja lavorattiva. Hemm ukoll il-fattur ta' inkapacita` totali jew parzjali li l-ghemil seta' jgib.

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 57 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 6 ghall-kaz in ezami.

***<u>D4. Paga u gholi tal-hajja:</u>***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent li a bazi tal-paga minima nazzjonali l-Qorti stabbiliet l-ammont ta' €7,616.44 bhala s-somma li ghandha titqies ghall-iskop in kwistjoni. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga minima nazzjonali kienet ser tizdied b'€303.78 ghal sitt (6) snin li jwassal ghal €8,527.78.

***D5. Dizabilita`:***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:

"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:

"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"

U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:

"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
"*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:
"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:
"izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

Mir-rapport mediku ta' Mr. Charles Grixti [a fol 43 *et* tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti tar-rikorrent hija ta' 4%.

***<u>D6. Lump Sum Payment:</u>***
L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10%

gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fis-16 ta' Ottubru, 2009 u s-sentenza qed tinghata erba' snin wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 16%.

***D7. Kunsiderazzjonijiet ohra:***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***D8. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-paga minima nazzjonali inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €8,527.78.

II. Irid jitqies *multiplier* ta' 6. Dan igib l-ammont ta' €51,166;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 4% u ghalhekk jammonta ghal €2,046;

IV. wara jrid jitnaqqas 16% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €1,719;

***D9. Damnum emergens:***

Kawza ta' l-incident ir-rikorrenti tilef il-karozza li skond l-istima ta' Joseph Zammit, l-espert imqabbad mill-Qorti, fil-kundizzjoni li kellha qabel ma garrbet il-hsara li tinsab fuqha fl-incident li sehh fis-16 t'Ottubru, 2009, fis-suq lokali kienet ghadha ggib il-valur ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500). Fis-sura li din il-karozza issa tinsab ma kienx jaqbel li tigi msewwija l-hsara li garrbet fl-incident imsemmi u ghalhekk inghatat *wreck value* ghal dak li

minnha baqa' salv, ghal valur ta' mija u ghoxrin Ewro (€120). Dan iwassal ghal hsara fil-vettura ta' €1,380.

Kien hemm danni ohra ammontanti ghal €463.98 u ghalhekk it-total ta' damnum emergens huwa ta' €1843.98.

Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta' €3,562.98.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Minimum wage | B | 7616.44 |
| Multiplier | M | 6 |
| Lump sum payment | L | 16 |
| Dizabilita` | D | 4% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| | | |
| Amount due | | €3562.98 |
| | | |

Dwar l-ispejjez jinghad li ghalkemm l-intimat ammetta r-responsabbilta` ta' l-incident xorta wahda baqa' jikkontesta l-ammonti dovuti kawza ta' l-agir tieghu. Certament ghalhekk li ma setax jintlahaq ftehim bejn il-partijiet barra mill-Qorti u f'dan il-kaz ma rrizultat ebda offerta specifika jew xi cedola ta' depozitu ta' l-ammont dovut. Is-socjeta` assikuratrici ta' l-intimat dejjem sostniet u insistiet li r-rikorrent ma garrab l-ebda dizabilita` permanenti b'konsegwenza ta' l-incident mertu tal-kawza, billi hekk kien irrelata Mr. Massimo Abela, konsulent

mediku mahtur mill-assikurazzjoni *ex-parte*. Fil-fatt dan il-punt jerga' johrog mill-aktar car mit-tieni eccezzjoni ta' l-intimat.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni ta' l-intimat.

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident *de quo*.

Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent konsegwenza ta' l-incident stradali u korriment konsegwenzjali fl-ammont ta' €3,562.98.

Tikkundanna lill-intimat ihallas dan l-ammont lir-rikorrent.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------